

EBA/REC/2015/02

23/11/2016

Rakkomandazzjonijiet li jemendaw ir- Rakkomandazzjonijiet EBA/REC/2015/01

dwar l-ekwivalenza tar-reġimi ta' kunfidenzjalità

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

L-istatus ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet

1. Dan id-dokument jinkludi rakkomandazzjoni maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet.
2. Ir-rakkomandazzjonijiet jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn ir-rakkomandazzjonijiet huma indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 23/01/2017. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/REC/2015/02'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki se jridu jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

2. Destinatarji

5. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif iddefinit fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

3. Implimentazzjoni

Data tal-applikazzjoni

6. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet japplikaw mit-24/11/2016.

4. Emendi

7. Ir-rakkomandazzjoni EBA/REC/2015/01 dwar l-ekwivalenza tar-reġimi ta' kunfidenzjalità hija emendata kif ġej:

Ir-ringiela li ġejja hija miżjuda mal-Anness "Tabella tal-awtoritajiet ivvalutata u l-valutazzjoni tal-ekwivalenza mwettqa"

| AWTORITÀ VVALUTATA | <u>PRINĊIPJU 1:</u> <u>KUNĊETT TA'</u> <u>INFORMAZZJONI</u> <u>KUNFIDENZJALI</u> | <u>PRINĊIPJU 2:</u> <u>REKWIŻITI TA'</u> <u>SEGRETEZZA</u> <u>PROFESSIONALI</u> | <u>PRINĊIPJU 3:</u> <u>RESTRIZZJONIJIET</u> <u>DWAR L-UŻU TA'</u> <u>INFORMAZZJONI</u> <u>KUNFIDENZJALI</u> | <u>PRINĊIPJU 4:</u> <u>RESTRIZZJONIJIET TA'</u> <u>DIVULGAZZJONI</u> <u>ULTERJURI TA'</u> <u>INFORMAZZJONI</u> <u>KUNFIDENZJALI</u> | <u>INFORMAZZJONI</u> <u>ADDIZZJONALI</u> <u>GĦAL</u> <u>KUNSIDERAZZJONI:</u> <u>KSUR TA'</u> <u>SEGRETEZZA</u> <u>PROFESSIONALI U</u> <u>REKWIŻITI OĦRAJN</u> <u>RELATATI MAD-</u> <u>DIVULGAZZJONI TA'</u> <u>INFORMAZZJONI</u> <u>KUNFIDENZJALI</u> | <u>VALUTAZZJON</u> <u>I GLOBALI</u> |
|---|---|---|---|---|--|--|
| L-Albanija - Bank tal- Albanija (BANKA E SHQIPËRISË) - http://www.bankofalbania.org/ | Artikolu 58(1)1 tal-Liġi dwar il-Bank tal- Albanija (Liġi tal-BoA) Artikolu 91(1) Liġi dwar il-Banek fir- Repubblika tal- Albanija (Liġi Bankarja) Regolament Nru 42 (Dwar it-trasparenza u | Artikolu 58(1) tal-Liġi tal-BoA Artikolu 91(1) tal-Liġi Bankarja Artikolu 19 tal-Istatut tal-Bank tal-Albanija ddatat 19.12.2000 Artikoli 13 u 27 tal- | Artikolu 58(1) tal-Liġi tal-BoA Artikolu 91(1) tal-Liġi Bankarja Artikolu 19 tal-Istatut tal-Bank tal-Albanija ddatat 19.12.2000 Artikolu 13 u 27 tal- | Artikolu 58 tal-Liġi tal- BoA Artikolu 91(2) tal-Liġi Bankarja Artikolu 23 tal-Liġi BoA Artikolu 58(2) tal-Liġi Bankarja Regolament Nru 42 | Artikolu 91 tal-Liġi Bankarja Artikolu 91(3) tal- Liġi Bankarja Deċiżjoni tal-Kunsill Superviżorju Nru 21, Artikolu 30, 54 | Ekwivalenti |

| | | | | | | |
|--|--|---------------------|---|---|--|--|
| | I-kunfidenzjalità fil-BoA) Id-Deċiżjoni tal-Gvernatur Nru 2005 (Dwar l-użu u l-klassifikazzjoni tal-informazzjoni kklassifikata bħala “sigriet bankarju” fil-BoA) | Kodiċi tal-Kondotta | Kodiċi tal-Kondotta Artikolu 6 tad-Deċiżjoni ta-Gvernatur Nru 2005 | (Dwar it-trasparenza u I-kunfidenzjalità fil-BoA) | | |
|--|--|---------------------|---|---|--|--|